MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Numru. 1371/2007

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 03 TA' APRIL 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR P. BOND**

**KONTRA**

**MARIO FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Farrugia ta’ 25 sena, bin Carmelo u Salvina nee Zammit, mwieled nhar it-2 ta’ Gunju 1981 u residenti 218 ‘St.Rita’, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 276581M.

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fid-29 ta’Gunju 2007, ghall-habta ta’ 3.30p.m., fi Triq Sir Temi Zammit, Mgarr, saq vettura numru IAT 158 b’manjiera traskurata, perikoluza u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolament tat-traffiku, involontarjament ikkaguna hsarat fuq vettura numru BAJ 609 ghad-dannu ta’ Juan Pedro Jimenez, kif ukoll involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Juanito Jimenez skond kif iccertifikat Dr.Diane Gouder M.D ta’ S.L.H.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw u jirremettu ruhhom ghall-provi prodotti;

Rat il-verbal ta’ llum hekk kif irregistrat mill-partijiet;

Rat li kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza ma kellhomx provi ohra x’jissottomettu;

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 226(1)(a), (b) u (c), 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 15(1) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il Qorti mhux qed issib lill-imputat hati ta’ t-tieni imputazzjoni u ghaldaqstant qed tilliberah minnha. Fil -waqt li qed issibu hati ta’ l-ewwwel (1), it-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjonijiet, u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni ma jaghmilx reat iehor ghal perijodu ta’ sitt xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------